REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1213

tal-21 ta' Awwissu 2020

dwar il-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 42(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 ([2]) abbaži ta' valutazzjoni preliminari tar-riskju, jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli.

(2) F'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031, jekk jiġi konkluż, abbaži ta' valutazzjoni tar-riskju, li pjanta, prodott mill-pjanti jew oġġett ieħor li joriġina minn pajjiż terz, minn grupp ta' pajjiżi terzi jew minn żona speċifika tal-pajjiż terz ikkonċernat ikunu joħolqu riskju inaċċettabbli, iżda li dak ir-riskju jista' jitnaqqas għal livell aċċettabbli bl-applikazzjoni ta' ċerti miżuri, il-Kummissjoni għandha tneħħi lil dik il-pjanta, lill-prodott mill-pjanti jew lill-oġġett l-ieħor mil-lista tar-Regolament (UE) 2018/2019 u żżidha mal-lista msemmija fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031.

(3) L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 jinkludi l-ġeneri *Albizia* Durazz. u *Robinia* L. bħala pjanti ta' riskju għoli.

(4) Fl-24 ta' Jannar 2019, Iżrael bagħat talba lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' pjanti mlaqqmin, inattivi għat-tħawwil, bl-għeruq mikxufin b'dijametru massimu ta' 2,5 cm, tal-ispeċi *Albizia julibrissin* Durazzini, u ta' pjanti mlaqqmin, inattivi għat-tħawwil, bl-għeruq mikxufin b'dijametru massimu ta' 2,5 cm tal-ispeċi *Robinia pseudoacacia* L. ("il-pjanti speċifikati"). Din it-talba kienet sostnuta bid-dossiers tekniċi rispettivi.

(5) Fit-13 ta' Jannar 2020, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ippubblikat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-komodità, tal-pjanti *Albizia julibrissin* minn Iżrael ([3]). L-Awtorità identifikat lil *Aonidiella orientalis*, kumpless ta' speċijiet li jinkludi lil *Euwallacea fornicatus sensu stricto*, *Euwallacea fornicatior*, *Euwallacea whitforiodendrus* u *Euwallacea kuroshio* ("*Euwallacea fornicatus sensu lato*") u *Fusarium euwallaceae* ("il-pesti speċifikati") bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti, evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji deskritti fid-dossier għal dawk il-pesti, u stmat il-probabbiltà ta' ħelsien mill-pesti għal kull pest relatat ma' dik il-komodità.

(6) Fit-2 ta' Marzu 2020, l-Awtorità ppubblikat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-komodità, tal-pjanti *Robinia pseudoacacia* minn Iżrael ([4]). Identifikat lil *Euwallacea fornicatus sensu lato* u *Fusarium euwallaceae* bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti, evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji deskritti fid-dossier għal dawk il-pesti, u stmat il-probabbiltà ta' ħelsien mill-pesti għal kull pest relatat ma' dik il-komodità.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jeħtiġux ċertifikati fitosanitarji għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10).

([3]) EFSA PLH Panel (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti, 2020. Opinjoni Xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-komodità, tal-pjanti *Albizia julibrissin* minn Iżrael. EFSA Journal 2020;18(1):5941. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.5941.

([4]) EFSA PLH Panel (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti, 2020. Opinjoni Xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-komodità, tal-pjanti *Robinia pseudoacaci* minn Iżrael. EFSA Journal 2020;18(3):6039. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.6039.

(7) Wara dawk l-opinjonijiet, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1214 ([5]) neħħa l-pjanti speċifikati mil-lista tal-pjanti ta' riskju għoli tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019.

(8) Barra minn hekk, u abbażi ta' dawk l-opinjonijiet, ir-riskju fitosanitarju mill-introduzzjoni tal-pjanti speċifikati fl-Unjoni jitqies li huwa mnaqqas għal livell aċċettabbli bl-applikazzjoni ta' miżuri li jindirizzaw ir-riskju tal-pesti speċifikati. Għalhekk jenħtieġ jiġu adottati miżuri li jiżguraw il-protezzjoni fitosanitarja tat-territorju tal-Unjoni mill-introduzzjoni tal-pjanti speċifikati fl-Unjoni.

(9) *Euwallacea fornicatus* jappartjeni għall-familja ta' *Scolytidae* (mhux Ewropea), li hija elenkata fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([6]) bħala grupp ta' pesti ta' kwarantina tal-Unjoni. Għal *Euwallacea fornicatus sensu lato*, hemm valutazzjoni tar-riskju fitosanitarju mwettqa minn Spanja ([7]) u rapport ([8]) ippubblikat mill-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja għall-Protezzjoni tal-Pjanti ("EPPO") li jissuġġerixxu miżuri ta' mitigazzjoni. Il-miżuri deskritti minn Iżrael fid-dossier jenħtieġ jiġu kumplementati bil-miżuri ssuġġeriti f'dik il-valutazzjoni tar-riskju tal-pesti u r-rapport rispettiv. Il-miżuri adottati huma soġġetti għal rieżami fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika u teknika addizzjonali.

(10) *Aonidiella orientalis* u *Fusarium euwallaceae* għadhom mhumiex inklużi fil-lista tal-pesti ta' kwarantina tal-Unjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072, iżda jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiġu inklużi wara valutazzjoni tar-riskju sħiħa ulterjuri. Għalhekk, il-miżuri għal dawk iż-żewġ pesti huma bbażati fuq dawk deskritti minn Iżrael fid-dossier. Meta jiġi stabbilit li dawk il-pesti jissodisfaw dawk il-kundizzjonijiet, dawn se jiġu inklużi fil-lista tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, u l-pjanti rilevanti se jiġu elenkati fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament, flimkien mal-miżuri rispettivi, meta ssir disponibbli valutazzjoni tar-riskju sħiħa fuq dawn il-pesti u tkun tiġġustifika dawk l-inklużjonijiet. Dan ir-Regolament jenħtieġ jiġi rivedut skont dan.

(11) Għal konformità mal-obbligi tal-Unjoni li jirriżultaw mill-ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji, l-importazzjoni ta' dawk il-prodotti jenħtieġ tissokta fl-iqsar żmien possibbli. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni minn pajjiżi terzi ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1214 tal-21 ta' Awwissu 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 fir-rigward tal-injam tal-*Ulmus* L. u ċerti pjanti għat-tħawwil tal-*Albizia julibrissin* Durazzini u tar-*Robinia pseudoacacia* L. li joriġinaw mill-Iżrael (ara paġna 12 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

([7]) Analiżi tar-Riskju tal-Pesti għall-Ħanfusa tal-Ambrożja *Euwallacea* sp. inkluż l-ispeċijiet kollha tal-ġeneru *Euwallacea* li huma morfoloġikament simili għal *E.fornicatus*. Ministerio de Agricultura Alimentacion y Medio Ambiante. Spanja, Novembru 2015. https://pra.eppo.int/getfile/1517056f-e553-4617-aaee-13d180cb5bc3.

([8]) Rapport ta' Analiżi tar-Riskju tal-Pesti għal *Euwallacea fornicatus sensu lato* u *Fusarium euwallaceae* (EPPO, 2017). https://pra.eppo.int/getfile/ef7ea29b-e0ea-456f-a4a5-04c2a119a807.

Artikolu 2

Miżuri għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, li joriġinaw minn pajjiżi terzi

Il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, li joriġinaw mill-pajjiżi terzi ta' oriġini rispettivi, kif elenkati fl-Anness, jistgħu jiġu introdotti fit-territorju tal-Unjoni biss jekk ikunu jikkonformaw mal-miżuri korrispondenti stabbiliti fih.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Awwissu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Lista tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra, li joriġinaw minn pajjiżi terzi, u r-rekwiżiti korrispondenti għall-introduzzjoni tagħhom fit-territorju tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 2

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi ta' oriġini	Miżuri
1. Pjanti mlaqqmin, inattivi għat-tħawwil, bl-għeruq mikxufin, b'dijametru massimu ta' 2,5 cm tal-ispeċi *Albizia julibrissin* Durazzini;	ex 0602 90 41 ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 48	Iżrael	(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li: (i) Il-pjanti huma ħielsa minn *Euwallacea fornicatus sensu lato* u *Fusarium euwallaceae*. (ii) il-pjanti tkabbru dejjem f'post tal-produzzjoni rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini. Dik ir-reġistrazzjoni tinkludi s-siti tal-produzzjoni rispettivi fil-post tal-produzzjoni. (iii) Il-pjanti jissodisfaw wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin: 1. Il-pjanti b'dijametru inqas minn 2 cm fil-bażi taz-zokk, jew, 2. Mill-anqas għal sitt xhur qabel l-esportazzjoni, il-pjanti tkabbru f'sit bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni ta' *Euwallacea fornicatus sensu lato* li hu soġġett għal spezzjonijiet uffiċjali fi żminijiet xierqa u li nstab ħieles mill-pest, ikkonfermat mill-inqas bin-nases li jiġu kkontrollati mill-inqas kull erba' ġimgħat, inkluż minnufih qabel il-ġarr, jew, 3. Sa mill-bidu tal-aħħar ċiklu sħiħ tal-veġetazzjoni, waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru mill-inqas kull erba' ġimgħat, il-pjanti tkabbru f'sit tal-produzzjoni li nstab ħieles minn *Euwallacea fornicatus sensu lato* u *Fusarium euwallaceae*, ikkonfermat għal *Euwallacea fornicatus sensu lato*, mill-inqas bin-nases; f'każ ta' suspett tal-preżenza ta' wieħed miż-żewġ pesti fis-sit tal-produzzjoni, ikunu twettqu trattamenti xierqa kontra l-pesti biex ikun żgurat li l-pesti ma jkunux preżenti; tiġi stabbilita żona tal-madwar ta' 1 km, li tkun monitorjata fi żminijiet xierqa għal *Euwallacea fornicatus sensu lato* u *Fusarium euwallaceae* u meta jinstab xi wieħed miż-żewġ pesti fuq xi pjanti ospitanti, dawk il-pjanti jenħtieġ jitneħħew minnufih u jinqerdu.

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi ta' oriġini	Miżuri
			(iv) Minnufih qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti b'dijametru ta' 2 cm jew iżjed fil-bażi taz-zokk kienu soġġetti għal spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-pest, b'mod partikolari fiz-zkuk u fil-friegħi tal-pjanti, inkluż il-kampjunar distruttiv. Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni għandu jkun tali li jippermetti mill-inqas is-sejba ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni b'livell ta' fiduċja ta' 99 %. (b) Taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu: (i) Id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213". (ii) L-ispeċifikazzjoni ta': — liema rekwiżit tal-punt (a)(iii) hawn fuq f'din l-entrata ġie ssodisfat, u — is-sit(i) tal-produzzjoni rreġistrat(i).
2. Pjanti mlaqqmin, inattivi għat-tħawwil, bl-għeruq mikxufin,b'dijametru massimu ta' 2,5 cm tal-ispeċi *Albizia julibrissin* Durazzini;	ex 0602 90 41 ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 48	Iżrael	(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li: (i) Il-pjanti huma ħielsa minn *Aonidiella orientalis*, (ii) Il-pjanti tkabbru dejjem f'post tal-produzzjoni rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini. Dik ir-reġistrazzjoni tinkludi s-siti tal-produzzjoni rispettivi fil-post tal-produzzjoni. Dak il-post tal-produzzjoni jissodisfa wkoll wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin: 1. Il-pjanti tkabbru f'sit bi protezzjoni fiżika shiha kontra l-introduzzjoni ta' *Aonidiella orientalis* mill-anqas għal sitt xhur qabel l-esportazzjoni, li hu soġġett għal spezzjonijiet uffiċjali kull tliet ġimgħat u li nstab ħieles mill-pest, inkluż minnufih qabel il-ġarr, jew 2. Sa mill-bidu tal-aħħar ċiklu shih tal-veġetazzjoni, waqt spezzjonijiet uffiċjali mwettqa kull tliet ġimgħat, is-sit tal-produzzjoni nstab ħieles minn *Aonidiella orientalis*; f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-pest fis-sit tal-produzzjoni, twettqu trattamenti xierqa kontra l-pest biex ikun żgurat li l-pest ma jkunx preżenti; tiġi stabbilita żona tal-madwar ta' 100 m, li tkun monitorjata fi żminijiet xierqa għal *Aonidiella orientalis*, u meta jinstab il-pest fuq xi pjanti, dawk il-pjanti jenħtieġ jitneħħew minnufih u jinqerdu.

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi ta' oriġini	Miżuri
			(iii) Minnufih qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti kienu soġġetti għal spezzjoni uffiċjali għall-preżenza ta' *Aonidiella orientalis*, b'mod partikolari fiz-zkuk u fil-friegħi tal-pjanti. Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni għandu jkun tali li jippermetti mill-inqas issejba ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni b'livell ta' fiduċja ta' 99 %; (b) Taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu: (i) Id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213". (ii) L-ispeċifikazzjoni ta': — liema rekwiżit tal-punt (a)(ii) hawn fuq f'din l-entrata ġie ssodisfat, u — is-sit(i) tal-produzzjoni rreġistrat(i).
3. Pjanti mlaqqmin, għatthawwil inattivi, tal-ispeċi *Robinia pseudoacacia* L., blgħeruq mikxufin, b'dijametru massimu ta' 2,5 cm;	ex 0602 90 41 ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 48	Iżrael	(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li: (i) Il-pjanti huma ħielsa minn *Euwallacea fornicatus sensu lato* u *Fusarium euwallaceae*. (ii) Il-pjanti tkabbru dejjem f'post tal-produzzjoni rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini. Dik ir-reġistrazzjoni tinkludi s-siti tal-produzzjoni rispettivi fil-post tal-produzzjoni (iii) Il-pjanti jissodisfaw wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin: 1. Il-pjanti b'dijametru inqas minn 2 cm fil-bażi taz-zokk, jew, 2. Mill-anqas għal sitt xhur qabel l-esportazzjoni, il-pjanti tkabbru f'sit bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni ta' *Euwallacea fornicatus sensu lato* li hu soġġett għal spezzjonijiet uffiċjali fi żminijiet xierqa u li nstab ħieles mill-pest, ikkonfermat mill-inqas bin-nases li jiġu kkontrollati mill-inqas kull erba' ġimgħat, inkluż minnufih qabel il-ġarr, jew, 3. Sa mill-bidu tal-aħħar ċiklu sħiħ tal-veġetazzjoni, waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru mill-inqas kull erba' ġimgħat, il-pjanti tkabbru f'sit tal-produzzjoni li nstab ħieles minn *Euwallacea fornicatus sensu lato* u *Fusarium euwallaceae*, ikkonfermat għal *Euwallacea fornicatus sensu lato*, mill-inqas bin-nases; f'każ ta' suspett tal-preżenza ta' wieħed miż-żewġ pesti fis-sit tal-produzzjoni, ikunu twettqu trattamenti xierqa kontra l-pesti biex ikun żgurat li l-pesti ma jkunux preżenti; tiġi stabbilita żona tal-madwar ta' 1 km, li tkun monitorjata fi żminijiet xierqa

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi ta' oriġini	Miżuri
			għal *Euwallacea fornicatus sensu lato* u *Fusarium euwallaceae* u meta jinstab xi wieħed miż-żewġ pesti fuq xi pjanti ospitanti, dawk il-pjanti jenħtieġ jitneħħew minnufih u jinqerdu. (iv) Minnufih qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti b'dijametru ta' 2 cm jew iżjed filbaži taz-zokk kienu soġġetti għal spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-pest, b'mod partikolari fiz-zkuk u fil-friegħi tal-pjanti, inkluż il-kampjunar distruttiv. Id-daqs talkampjun għall-ispezzjoni għandu jkun tali li jippermetti mill-inqas is-sejba ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni b'livell ta' fiduċja ta' 99 %. (b) Taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu: (i) Id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213". (ii) L-ispeċifikazzjoni ta': — liema rekwiżit tal-punt (a)(iii) hawn fuq f'din l-entrata ġie ssodisfat, u — is-sit(i) tal-produzzjoni rreġistrat(i).